# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 5 ta' Ġunju, 2024

**Kawża Nru.  19**

**Rik. Nru. 36/2023 ISB**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat il-provvediment li permezz tiegħu l-kumpanija **Aim Retail Holdings Limited (OC 550)** kienet ġiet dikjarata xjolta minn din il-Qorti, fl-4 ta' Diċembru 2023, u fejn kien ordnat l-istralċ tagħha.

Rat l-aħħar rapport imħejji mir-Riċevitur Uffiċjali bħala stralċjarju minn fejn jirriżulta illi din il-kumpanija hija fergħa ta' kumpanija reġistrata fl-Irlanda u jirriżulta mir-Reġistru tal-Entitajiet tal-istess pajjiż li l-kumpanija ġiet xjolta fil-ġurisdizzjoni primarja tagħha fis-17 ta' Jannar 2018.

Rat illi l-istess stralċjarju talab illi l-kumpanija *de quo* għandha tingħalaq minħabba l-fatt li l-kumpanija barranija li kellha l-personalità ġuridika li abbażi tagħha nfetħet il-fergħa f'Malta m'għadiex teżisti, kif anke jinsab dokumentat.

Tiddikjara ruħha sodisfatta li l-istralċjarju osservat il-ħtiġijiet kollha skont il-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis li sar minn kollox min-naħa tal-istralċjarju sabiex taqdi tajjeb il-funzjonijiet u l-inkarigu tagħha skont il-liġi.

Tqis illi ma hemm xejn aktar raġjonevolment x'isir u b'hekk jista' jingħata l-provvediment finali kif mitlub bir-rikors tas-6 ta' Marzu 2024 (fol 70).

Tqis li l-affarijiet tal-kumpanija huma stralċjati.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u billi kienu mħarsa l-ħtigijiet kollha tal-liġi, qed tgħaddi biex:

1. **Teħles** lill-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

2. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex minnufih jikkonsenja lir-Reġistratur tal-Kumpanniji avviz tal-ħelsien tal-istralċjarju mill-ħatra tiegħu.

3. **Tordna** li l-isem tal-kumpanija **Aim Retail Holdings Limited (OC 550)** jitħassar mir-Reġistru tal-Kumpaniji b'effett mil-lum.

4. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum jibgħat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji l-ordni ta' tħassir tal-kumpanija **Aim Retail Holdings Limited (OC 550)**.

5. **Tordna** lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iħares dik l-ordni.

6. **Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom jitħallsu mir-rikorrent.

**Ian Spiteri Bailey**<br>**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**<br>**Deputat Reġistratur**